MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Numru 373/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**vs.**

**Jeremy James Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jeremy James Farrugia ta' 25 sena, iben Emanuel u Catherine, nee Saydon, imwieled il-Pieta fil-11 ta' Novembru 1984, u residenti fil-fond Kenclncyn, Triq it-Turisti Bugibba,detentur tal-karta ta' l-identita 558384(M).

a) Fit-19 ta' Novembru 2006 ghall-habta ta' bejn l-erbgha u nofs ta' wara nofs-in-nhar u s-sebgha ta' fil-ghaxija, fil-fond numru 13, Santa Marija, Triq Antonio Schembri fil-Kappara limiti ta' San Gwann, ikkommetta

serq ta' flus kontanti, t'apparat elettroniku u gojjelli ghad-dannu ta' Walter Wolsey Farrugia u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi €2329.37, u bil-lok;

b) u aktar talli fl-istess jum, f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtara u/jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew, jekk xjentement, b'kull mod iehor li jkun iddahhal f'dawn il-Gzejjer biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti huma gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur u bil-mezz;

c) u aktar talli ikkometta reat waqt l-operat ta' sentenzi sospizi b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

d) u aktar talli ukoll irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenti legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi (a), (c) u (d) migjuba fil-konfront tieghu, pero mhix qed issibu hati ta' l-akkuza (b) u cioe dik ta' ricettazzjoni – nonostante l-

ammissjoni tieghu - ghax qed tqis li din l-akkuza hija alternattiva ghal dik tas-serq..

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkoopera mal-pulizija, l-fedina raffrettarja tieghu, li l-ammont ta' affarijiet derubati kien wiehed sostanzjali u li l-affarijiet derubati lahqu inbieghu u ghalhekk ma setghux jigu ritornati.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261, 263(a), 266, 267, 269(g), 279, 280, 334, 49, 50, 289 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt li ma issibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni (b) migjuba kontrih u qed tilliberah minnha, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal hames (5) snin prigunerija effettiva.

Tordna ulterjorment, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' sena (1) sospiza ghal erba' (4) snin snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar id-19 ta' Jannar 2004 u l-piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) sospizi ghal erba' (4) snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet *"Pulizija v. Owen Mallia u Jeremy James Farrugia"* moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar id-28 ta' Jannar 2005 jigu rezi operattivi, u b'hekk l-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' tminn (8) snin prigunerija.

Il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li minhabba l-problema akuta li ghandu l-hati ta' abbuz ta' droga, jehtieg li jinghata l-kura kollha mehtiega minhabba tali problema.

Il-Qorti tordna li din is-sentenza flimikien ma' l-atti ta' dawn il-proceduri jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien stipulat fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------